


Il-motto għall-Pjan Pastorali 2015-2017 ittieħed mill-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju* ta' Papa Franġisku.

**Kif tfassal il-Pjan Pastorali Parrokkjali 2015-2017**

Il-Pjan tfassal fi tliet fażijiet. Fl-ewwel fażi saru **diskussjonijiet fil-kummissjonijiet** tal-Familja, id-Djakonija u l-Liturġija, fejn evalwajna dak li twettaq mill-Pjan 2012-2014 u mill-Viżta Pastorali tal-Arċisqof tal-2013.

Ġew diskussi wkoll inizjattivi ġodda li joħorġu mit-tliet punti ta' prijorità ssuġġeriti mill-Arċidjoċesi (persuni fil-periferija; il-quddiesa tal-Ħadd; il-familja).

Fit-tieni fażi tqassam **kwestjonarju lill-Parroċċa kollha** (Il-parroċċa hija int!) fejn kulħadd ġie mistieden jagħti sehmu fit-tfassil tal-Pjan billi jwieġeb numru ta' mistoqsijiet.

Fit-tielet fażi saret l-**Assemblea Parrokkjali** fejn saret diskussjoni u tressqu kummenti u suġġerimenti oħra minn dawk preżenti. Wara, saret diskussjoni fit-tliet kummissjonijiet u fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali.



# Kunsill Pastorali Parrokkjali

**L-iskop tal-KPP huwa li jara li titħaddem il-*korresponsabbilta`* fil-parroċċa. Għalhekk il-KPP matul it-tliet snin li ġejjin jieħu ħsieb li joffri spazju fejn:**

**(a) isir studju dwar realtajiet li jkunu qed iseħħu fil-parroċċa;**
**(b) jara li ssir diskussjoni xierqa dwarhom;**
**(c) li ssir il-programmazzjoni li għandha ssir biex ikunu ndirizzati dawn ir-realtajiet;**
**(d) jara li dak li tfassal u li ġie deċiż fil-fatt jiġi esegwit;**
**(e) jagħmel evalwazzjoni tal-ħidma li tkun saret biex jara kif tista' titjieb.**

**1. Laqgħat tal-KPP**

Il-KPP jara li l-laqgħa tax-xahar issir b'mod regolari tkun parteċipattiva u effettiva.

**2. Formazzjoni spiritwali u pastorali tal-membri tal-KPP**

Għal dik li hi formazzjoni **spiritwali**, il-KPP jiddedika waqtiet qosra waqt il-laqgħa tal-KPP kif ukoll f'laqgħat oħra itwal fi żminijiet partikolari, bħall-Avvent, ir-Randan, Pentekoste, Corpus.

Il-formazzjoni **pastorali** tinkludi tifsir ta' dokumenti tal-Knisja (bħal *Il-Ferħ tal-Evanġelju*) fil-bidu tal-laqgħa tal-KPP.

**3. Il-websajt tal-parroċċa**

Persuni apposta jaġġornawha fid-disinn kif ukoll fil-kontenut.

**4. Adolexxenti u Żgħażagħ**

Il-pre-adolexxenti u ż-żgħażagħ (13-18-il sena) jiffurmaw 5 fil-mija tal-popolazzjoni tal-parroċċa u fi Frar 2015 kienu jammontaw 188. Il-KPP jaħseb għal:

(a) post addattat;
(b) persuna responsabbli;
(c) programm ta' attivitajiet li jinħoloq magħhom u għalihom.

**5. Kummissjoni Tfal**

Tkun studjata l-possibbiltà li titwaqqaf Kummissjoni Tfal (magħmula primarjament mit-tfal).

**6. Kummissjoni Xandir tal-Kelma**

Il-KPP jara kif din il-kummissjoni jkollha aktar membri u li tuża mezzi aktar moderni ta' kif twassal il-Kelma ta' Alla.

**7. Promozzjoni aħjar tal-attivitajiet**

Il-Parroċċa tipprova tuża mezzi moderni (sms, emails, websajt, facebook, twitter, eċċ.) u mhux biss dawk tradizzjonali biex tippromwovi l-attivitajiet u l-messaġġ Nisrani.

**8. Implimentazzjoni tal-Pjan**

It-twettiq ta' dan il-Pjan Pastorali jkun monitorat. Perjodikament isir rapport qasir lill-KPP dwar xi jkun twettaq minnu.

**9. Lejn il-50 sena parroċċa**

Il-Parroċċa tagħlaq 50 sena fl-2018. Il-KPP jara li dan l-avveniment ikun iċċelebrat kif jixraq, l-aktar permezz ta' inizjattivi ta' tagħlim u ta' spiritwalità.



# Kummissjoni Liturġija

*"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej" (Lq 1:46-56)*

**L-iskop tal-Kummissjoni Liturġija huwa li tgħin lill-parroċċa tiċċelebra b'mod ħaj u parteċipattiv il-qima lil Alla u tkabbar l-għaqda ma' Alla u bejn il-membri tal-komunità parrokkjali.**

**10. Animazzjoni tal-Quddies**

Tkompli l-animazzjoni tal-quddies u ċelebrazzjonijiet oħra. Din tinkludi r-roster tal-letturi u l-animaturi u għajnuniet awdjo/viżivi.

**11. Tagħlim dwar il-Quddiesa**

Ikompli jingħata tagħlim u tifsir dwar il-Quddiesa.

**12. Quddiesa għat-Tfal**

Tissaħħaħ il-Liturġija għat-tfal. Isir tentattiv biex jintlaħaq ftehim mal-kapijiet tal-iskejjel fil-parroċċa biex darba fix-xahar it-tfal ikollhom quddiesa.

Nerġgħu nfakkru lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex waqt Skola Sajf ikun hemm ukoll quddiesa għat-tfal. Nippruvaw ukoll nagħmlu quddies għat-tfal fl-għaqdiet.

**13. Għajnuniet għall-Animaturi**

Jitħejjew għajnuniet għall-animaturi biex fil-quddies tal-Ħadd matul is-sena kollha jkun hemm aktar uniformità. Jitħejja ktejjeb b'dawn il-ħsibijiet u nagħmluhom disponibbli għal kulħadd.

**14. Formazzjoni liturġika**

Tingħata formazzjoni

- liturġika,
- biblika u
- teknika lil-letturi u l-animaturi.

**15. Kappella tal-Adorazzjoni**

Issir promozzjoni tal-kappella tal-Adorazzjoni għat-talb sieket quddiem il-Mulej. Isiru laqgħat ta' formazzjoni għall-adoraturi.

**16. Ċelebrazzjonijiet Penitenzjali**

Isiru ċelebrazzjonijiet komunitarji ta' Rikonċiljazzjoni. Issir kampanja għal parteċipazzjoni (individwali) akbar għas-sagrament ta' rikonċiljazzjoni.

**17. Ġranet Marjani**

Fit-8 ta' kull xahar nagħmlu 'Ġurnata Marjana' billi jsir użu mill-quddiesa tat-8.15 am u tas-6.30 pm bis-sehem tal-gruppi parrokkjali differenti fl-animazzjoni.

**18. Kampanja għal attendenza akbar fil-quddies tal-Ħadd**

Flimkien mal-KPP naraw x'jista' jsir biex tiżdied l-attendenza fil-quddies tal-Ħadd.

**19. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**

Isir impenn akbar fil-quddies fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Naraw nistgħux nagħmlu quddiesa f'nofsinhar jew fin-12:30 pm biex jintlaħqu l-ħaddiema li jaħdmu f'dawn l-inħawi.

# Kummissjoni Familja

*"Agħmlu kulma jgħidilkom hu" (Ġw 2:1-12).*

**L-iskop tal-Kummissjoni Familja huwa li taħdem għat-tisħiħ taż-żwieġ u tal-familja, l-aktar billi tgħin lill-miżżewġin jgħixu l-wegħdiet tagħhom u lill-għarajjes jippreparaw ruħhom għaż-żwieġ.**

**20. "Il-Vanġelu tal-Familja"**

B'modi diversi jitwassal "il-Vanġelu tal-Familja" dwar iż-żwieġ Nisrani, ir-relazzjoni tal-koppja u l-ħajja fil-familja. Il-koppji jiġu nfurmati b'laqgħat u gruppi organizzati fuq bażi nazzjonali.

**21. Eżerċizzi tar-Randan**

Organizzazzjoni tal-eżerċizzi tar-Randan għall-miżżewġin u tal-*follow-up* permezz ta' seminar/irtir.

**22. Il-Kors Tħejjija għaż-Żwieġ**

Ikun organizzat il-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ darba fis-sena. Naraw li jkun hemm koppji ġodda li jitħarrġu biex ikunu koppji mexxejja.

**23. Seminar għall-għarajjes**

Jibqa' jsir u jkun aġġornat is-seminar li jsir darbtejn fis-sena għall-għarajjes li jkunu se jiżżewġu fis-sitt xhur ta' wara.

**24. Viżti fil-familji**

Ikomplu l-viżti fil-familji b'ulied li jkunu se jirċievu :

- l-Magħmudija,
- l-Ewwel Tqarbina u
- l-Griżma.

**25. Anniversarji**

Il-KF tara kif tagħti aktar ħajja lill-okkażjoni fl-aħħar Ħadd tax-xahar fejn ikunu mistiedna koppji li jkollhom l-anniversarju taż-żwieġ. Jintbagħtu l-kartolini fl-anniversarji.

**26. Jiem speċjali**

Il-KF tara li jkunu ċċelebrati b'mod xieraq:

- Jum il-Familja Mqaddsa,
- Jum il-Ħajja,
- Jum l-Omm u
- Jum il-Missier.

Jiġi ċċelebrat ukoll Jum in-Nanniet.

**27. Ktejjeb għall-Għarajjes**

Ikun ippreżentat lill-għarajjes ktejjeb b'kitbiet li dehru fuq "Flimkien".

**28. *Parental skills***

Isir kors ta' *parental skills*. Ikun jinkludi sessjoni dwar il-fidi u t-talb fil-familja.

**29. Support groups**

Naraw liema *support groups* għandhom jitwaqqfu għal nies li jgħixu fil-periferiji eżistenzjali. Tara jekk dawn il-persuni jistgħux jintlaħqu b'modi oħra.



# Kummissjoni Djakonija

*"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1:26-38).*

**L-iskop tal-Kummissjoni Djakonija huwa li fuq l-eżempju ta' Ġesù u bl-istess stil u spirtu tiegħu, tagħti xhieda ta' Knisja li hi 'qaddejja tal-Mulej'.**

**30. Anzjani u morda**

Inkomplu naraw liema huma l-ħtiġijiet tal-anzjani u nagħmlu żjajjar fid-djar, l-isptarijiet u d-djar tal-anzjani. Niżguraw li qed isir tqarbin fid-djar ta' kull min għandu bżonn.

Isiru ħarġiet għall-anzjani u l-morda.

**31. Familji fil-bżonn**

Il-Kummissjoni tipprova tiskopri modi ġodda kif tkun taf min huma dawk il-persuni u l-familji fil-bżonn, inklużi persuni f'xi faċilità korrettiva u l-familjari tagħhom.

**32. Caritas u Assistenza Soċjali**

Jinżamm kuntatt mal-Caritas u l-Assistenza Soċjali (AKM) għall-aġġornament u l-formazzjoni tal-operaturi f'dan il-qasam.

**33. Iċ-Ċentru tal-Anzjani**

Ikompli jinfetaħ iċ-ċentru tal-anzjani b'mod regolari biex jinħoloq sens ta' ħbiberija, ikun hemm laqgħat ta' tagħlim u aktar nies jitħajru biex jinvolvu ruħhom fil-volontarjat.

**34. *Contact Persons***

B'mod regolari jsiru laqgħat ta' formazzjoni għall-*contact persons* tal-parroċċa.

**35. Addotta Anzjan**

L-iskop ta' dan il-proġett hu li l-anzjani tal-parroċċa jkollhom persuna li tagħmel kuntatt spiss magħhom u tara jkollhomx bżonn xi ħaġa.

Wara taħriġ bażiku, dawn il-*helpers* jiġu ntrodotti mal-anzjani mill-Kappillan jew mill-ministri tat-tqarbin tagħhom.

**36. Kordinament fl-Unità**

Nirsistu biex ikun hemm kordinament bejn is-sitt Kummissjonijiet Djakonija tal-parroċċi li hemm fl-Unità tagħna.

**37. *Social worker***

Nistudjaw il-possibbiltà li f'xi ġranet fil-parroċċa jkollna *social worker* u saċerdot għall-qrar.